MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF

### JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2015

Rikors Numru. 538/2014

**Lorna Mallia (numru tal-Karta ta` l-Identita` 283566M) u Lawrence Wismayer (numru tal-Karta ta` l-Identita` 55362M)**

***kontra***

**Panor Company Limited (C27001) ; Josette Blake (numru tal-Karta ta` l-Identita` 288246M) ; Marie Therese Mifsud (numru tal-Karta ta` l-Identita` 495347M) ; Simone Cefalu (numru tal-Karta ta` l-Identita` 120056M)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors li kien prezentat fl-20 ta` Gunju 2014 u jaqra hekk :-

*1. Lorna Mallia u Lawrence Wismayer huma azzjonisti fil-kumpannija Panor Company Limited (C27001) ("Panor") u ghandhom 100 sehem kull wiehed. L-azzjonisti l-ohra Josette Blake, Marie Therese Mifsud u Simone Cefalu ukoll ghandhom 100 sehem kull wiehed. Kopja awtentika tal-ahhar Annual Return tal-istess kumpannija skont ir-Registratur tal-Kumpanniji qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok A. L-azzjonisti kollha huma ahwa u ghaldaqstant din il-kumpannija hija komposta biss minn membri tal-familja.*

*2. Tul is-snin kien inholoq certu dizgwid fir-rigward tat-tmexxija tal-kumpannija li wassal ghal istituzzjoni ta` proceduri fl-2006 fl-ismijiet "Marie Therese Mifsud vs Panor Limited" (Rikors Guramentat 1015/06 AF) minn azzjonist tal-kumpannija fejn kienet intalbet ix-xoljiment ta` Panor. Gew istitwiti ukoll proceduri mill-kumpannija Panor kontra l-istess zzjonist fl-ismijiet "Panor Limited vs Marie Therese Mifsud" (Rikors Guramentat Numru 1017/07 AF). Madankollu dawn il-proceduri gew ceduti wara laqgha generali straordinarja tal-kumpannija li saret fil-11 ta` Marzu 2011, fejn l-azzjonisti b`mod unanimu approvaw rizoluzzjoni (hawn annessa u mmarkata bhala Dok B) permezz ta` liemagiet miftiehma procedura li kellha tigi adottata u permezz ta` liema l-kumpannija kienet ser tigi xolta b`mod volontarju ("ir-Rizoluzzjoni"). Din ir-rizoluzzjoni giet milhuqa ghaliex l-ahwa kollha ma riedux jibqghu jmexxu flimkien din il-kumpannija u hassew li ghar-relazzjonijiet ta` bejniethom kien ikun ahjar jekk il-kumpannija tigi xolta bv`mod amikevoli.*

*3. Il-procedura kkontemplata fir-Rizoluzzjoni kienet tikkonsisti fi qsim ta` l-Immovable Properties (kif definiti fl-istess Rizoluzzjoni) fi proporzjonijiet ta` hamsa skond mekkanizmu miftiehem bejn l-azzjonisti li kienet twassal sabiex issir divizjoni ta` dawn il-propjetajiet u kull azzjonista li jinghata porzjon ta` propjeta` ta` valur ugwali. Addizjonalment, l-azzjonisti ftehmu li kellu jsir kull sforz sabiex porzjon ta` art fabbrikabbli f`San Giljan kellha tinbiegh lil terzi fl-iqsar zmien possibbli.*

*4. Illi ghalkemm ghall-ewwel, il-kumpannija bdiet tiehu l-mizuri necessarji sabiex ir-rizoluzzjoni tigi mplimentata skond kif ftehmu b`mod unanimu l-azzjonisti, ftit ta` zmien wara bdew isiru manuvri u tentattivi diretti principalment minn tlieta mid-diretturi tas-socjeta` li mhux biss kienu ta` xkiel ghall-implimentazzjoni tar-Rizoluzzjoni izda li taw impronta kuntrarja ghad-direzzjoni li kellha tiehu s-socjeta` skont l-istess rizoluzzjoni. Ir-rizultat ta` dan kien mhux biss li ma sar xejn konkret sabiex il-kumpannija tiehu d-direzzjoni miftiehma skond ir-rizoluzzjoni, izda sahansitra ttiehdu certi decizjonijiet li jfixxklu u jmorru kontra d-direzzjoni miftiehma bejn l-azzjonisti ta' l-kumpannija, b`mod illi l-ghan ewlieni ta` dak illi riedu jilhqu l-azzjonisti unanimament permezz tar-Rizoluzzjoni ser jigi kompletament stultifikat, bi pregudizzju mhux gust ghall-azzjonisti kollha, inkluzi r-rikorrenti. Dan l-agir jikkonsisti f`decizjonijiet li jinbieghu propjetajiet tas-socjeta` li kellhom jiffurmaw parti mid-divizjoni kontemplata fir-Rizoluzzjoni u f`kaz partikolari b`rizoluzzjoni tad-diretturi li ghaddiet b`maggoranza ta` tlett diretturi kontra tnejn, is-socjeta` dahlet f`konvenju ma` terzi f`dan is-sens. L-azzjonisti saru jafui ricentement ukoll li certu diretturi jixtiequ jpoggu propjetajiet ohra li jiffurmaw parti mill-Immovable Properties ghal bejgh u dan bi ksur lampanti tal-ftehim bejn l-azzjonisti kontenut fir-Rizoluzzjoni.*

*5. Ir-rikorrenti saru jafu wkoll li ttiehdu certi decizjonijiet li jirrigwardaw l-interessi tal-kumpannija minghajr ma dawn tqieghdu fuq il-mejda ghad-diskussjoni u decizjoni mill-Bord tad-Diretturi tal-kumpannija u dan billi tlieta mid-diretturi, u cioe` Gaston Mifsud, Colin Bake u Giovanni Cefalu jippretendu illi ghax qeghdin f`maggoranza fil-bord jistghu jagixxu minghajr ma l-materja titpogga ghad-diskussjoni fil-bord, agir illi jikkostitwixxi*

*fih innifsu ksur tal-principji l-aktar fondamentali ta` kif titmexxa kumpannija u dan bi pregudizzju mhux gust u oppressjoni fil-konfront, inter alia tar-rikorrenti.*

*6. Effettivament illum il-kumpannija qed titmexxa biss minn Mifsud, Blake u Cefalu u l-animu taghhom huwa li jassiguraw li r-rikorrenti jsofru pregudizzju, agir oppressiv u diskriminatorju sabiex ma jottjenux dak li gie maqbul bejn l-azzjonisti permezz tar-Rizoluzzjoni. Dan minghajr ebda raguni valida.*

*7. B`rizultat tal-attitudini u agir suesposti il-maggoranza tad-diretturi tas-socjeta` qeghdin jagixxu rrispettivament mir-Rizoluzzjoni li kienet il-qofol biex jigu risolti d-disputi ta` bejn l-azzjonisti u dan bi ksur lampanti tal-ftehim li ntlahaq bejn l-azzjonisti kollha, anzi l-agir tal-istess diretturi qieghed johloq il-premessi kollha biex dak intiz fl-istess Rizoluzzjoni jigi stultifikat – b`rizultat illi l-aspettativi legittimi tal-azzjonisti fosthom ir-rikorrenti, anzi d-drittijiet kuntrattwali tahhom naxxenti mill-istess Rizoluzzjoni, ser jigu kompletament stultifikati u dan b`risultat ta` l-agir oppressiv u diskriminatorju b`mod mhux gust fil-konfront tal-azzjonisti fosthom ir-rikorrenti u johloq pregudizzju ghar-rikorrenti kif ukoll kontra l-interessi taghhom li r-Rizoluzzjoni tigi mplimentata.*

*8. Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni, joghgobha tiddikjara u tiddeciedi :*

*a. Tiddikjara li l-affarijiet tal-kumpannija Panor Limited qed jitmexxew b`mod li huwa ta` pregudizzju kontra r-rikorrenti ;*

*b. Tordna li r-Rizoluzzjoni ghandha tigi mplimentata fi zmien qasir u perentorju stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti u dan kollu taht dawk it-termini, pattijiet u kundizzjonijiet ohra li l-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni li timponi fic-cirkostanzi kollha tal-kaz ai termini tal-imsemmi artikolu 402 tal-Kap 386 ; jew*

*c. Tordna illi kull decizjoni li mhix idoneja biex twassal ghall-unika ghan tal-azzjonisti kif dedotta fir-Rizoluzzjoni ghandha tkun meqjusa bhala ultra vires il-poteri tad-diretturi ; u/jew*

*d. Tordna li s-socjeta` Panor ghandha tigi stralcjata taht l-awtorita` ta` din il-Qorti ; u/jew*

*e. Taghti l-ordnijiet li jidhrilha li huma xierqa u opportuni fic-cirkostanzi kollha tal-kaz ai termini tal-imsemmi artikolu 402 tal-Kap 386 tenut kont tad-decizjoni unanimu tal-azzjonisti kif rifless fir-Rizoluzzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mir-rikorrenti u l-elenku ta` dokumenti li kienu prezentati mar-rikors promotur.

Rat ir-risposta li pprezentaw l-intimati fil-11 ta` Awissu 2014 li taqra hekk :–

*1. Illi in linea preliminari t-talbiet tar-rikorrenti huma legalment insostenibbli u ntempestivi peress illi r-rizoluzzjoni straordinarja tal-11 ta`*

*Marzu 2011 li fuqha r-rikorrenti qeghdin isejsu t-talbiet taghhom tipprospetta b`mod ghal kollox car illi kwalsiasi disputa in relazzjoni ghall-istess jehtieg li tigi rizolta, fl-ewwel lok tramite l-procedura ta` medjazzjoni u dana qabel kull forma ta` dispute resolution ohra u huwa biss wara sitt (6) xhur li l-Medjazzjoni ma tkunx irnexxiet illi wiehed jista` jirrikorri ghall-Arbitragg jew il-Qorti. Una volta l-proceduri ta` medjazzjoni ma sarux, ir-rikors de quo huwa legalment insostenibbli.*

*2. Illi fit-tieni lok u wkoll preliminarjament u minghajr pregudizzju ghal fuq espost, jigi rilevat li ma jirrizultax b`mod car liema rimedju qed jigi verament invokat mir-rikorrenti. Waqt illi l-premessa hi li r-rikors qieghed isir a tenur tal-artikolu 402 tal-Kap 386, l-ilmenti u l-lanjanzi jidhru li huma kollha diretti kontra tlieta mill-hames diretturi tal-kumpannija u fil-konfront ta` liema diretturi qed jigi allegat li qed imexxui b`tali mod u manjiera li r-rikoirrenti qed isofru pregudizzju jew li huwa altrimenti oppressiv u diskriminatorju u jew li bl-agir taghhom qed imorru `lill hinn minn dak maqbul fir-rizoluzzjoni straordinarja. Illi b`kull rispett fl-isfond ta` dan kollu r-rimedju mhuwiex l-istanza odjerna izda semmai dak previst fl-artikolu 140 tal-Kap 386 u ghalhekk ukoll it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti.*

*3. Illi fil-mertu l-allegazzjonijiet kollha migjuba fir-rikors promotur dwar agir allegatament mhux korrett tad-diretturi u ta` tmexxija allegatament irregolari u allegazzjonijiet ohra huma kollha michuda bhala ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt. Kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, il-kumpannija ntimata qed titmexxa skond il-ligi, fl-ahjar interess tal-azzjonisti kollha u b`rizultati ottimi. Ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti huma kompletament minghajr bazi u ghandhom jigu michuda in toto bl-ispejjez kontra taghhom stante li ma tezisti l-ebda raguni ghaliex l-Artikolu 402 tal-Kap 386 kif invokat mir-rikorrenti ghandu jigi applikat.*

*4. Illi fi kwalunkwe kaz it-talbiet attrici huma kollha kemm huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti. Infatti kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza :*

*i) Meta d-diretturi prezenti hadu f`idejhom it-tmun tal-kumpannija sabu sitwazzjoni ghal kollox inkwetanti b`nuqqasijiet serji fl-amministrazzjoni u l-gestjoni tal-kumpannija u bi flus mispaced jew addirittura neqsin u accounts li ma jikkombacjawx u dan relattivament ghal perijodu meta l-kumpannija kienet qed titmexxa mir-rikorrenti Lorna Mallia u Lawrence Wismayer, u tenut kont ta` dan kollu l-kumpannija mill-ewwel hadet u qeghda tiehu passi sabiex jigu reviewed l-accounts tal-kumpannija mill-2000 sal-2011. Dan kollu ma ghogobx u mhux qed joghgob lir-rikorrenti ghal ragunijiet ben ovvji.*

*ii) Illi l-kumpannija intimata tinsab afflitta minn kawza kontra taghha ghad-danni in konnessjoni ma` bejgh ta` arja fi propjeta` fl-Msida liema bejgh kien gie malament gestit mill-istess rikorrenti li ghalhekk esponew lill-istess kumpannija ghad-danni u dwar liema danni l-istess socjeta` intimata zammet u qeghda zzomm lir-rikorrenti personalment responsabbli jekk tigi tenuta thallas xi forma ta` danni. Minhabba dan kollu d-diretturi ma jistghux jippermettu li l-kumpannija tisvesti lilha nnfisha mill-gid kollu taghha meta jafu li hemm kawza ghad-danni pendenti altrimenti jkunu qeghdin jesponu lilhom infushom.*

*iii) Illi l-propjetajiet li skond ir-Rizoluzzjoni Straordinarja kellhom jigu trasferiti by lots ma jistghux hekk jigu trasferiti bil-mod kif qed jippretendu r-rikorrenti minghajr pregudizzju serju lill-kumpannija u lill-azzjonisti nnfushom peress illi (a) tali propjetajiet huma tali li ma jippermettux li jsiru hames lottijiet ugwali u ekwi ; (b) hemm propjetajiet li huma afflitti minn burdens, bhal kirjiet antiki etc, liema burdens jekk jitnehhew jew jibqghu vigenti jkollhom impatt posittiv jew negattiv skond il-kaz tant serju li jikkrea vantagg jew zvantagg irragonevoli favur jew kontra s-socju li jkun messu tali propjeta` ; (c) li kumpannija intimata m`ghandhiex mnejn thallas bolol, spejjez, taxxi u/jew capital gains in konnessjoni mal-istess trasferiment.*

*iv) Illi di piu` r-Rizoluzzjoni Straordinarja tal-11 ta` Marzu 2011 giet fil-fatt superata u b`atti pozittivi u konkreti modifikata mill-istess azzjonisti meta l-istess azzjonisti, inkluz ir-rikorrenti, qablu li l-propjetajiet kollha tal-kumpannija jinbieghu bi prezz tas-suq. In segwitu ghal dan il-qbil l-istess rikorrent Lawrence Wismayer kien invita lis-soci l-ohra u l-istess soci inkarigaw lid-diretturi sabiex jattendu ghal laqgha ma` agent immobiljarju lokali dwar il-possibilita` ta` bejgh en bloc tal-propjetajiet tal-kumpannija liemna bejgh pero` ma giex materjalizzat peress li l-prezz offrut ma kienx a sodisfazzjon tal-kumpannija. Minn dan jemergi li l-mekkanizmu tal-lots gie ampjament modifikat fuq inizjattiva tar-rikorrenti stess jew min minnhom. Apparti minn hekk ir-Rizoluzzjoni per se tipprefigi li l-kumpannija tista` tbiegh propjeta` individwali. Illi ghalhekk huwa car li l-operat tad-diretturi huwa ghal kollox korrett skond il-ligi u in linea mal-ghan ahhari tar-Rizoluzzjoni li huwa li l-kumpannija tigi xjolta b`mod amikevoli.*

*5. Salvi jekk ikun il-kaz risposti ossia eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-intimati.

Rat il-verbal tal-udjenzi tas-6 ta` Ottubru 2014 u tas-6 ta` Novembru 2014.

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tas-6 ta` Novembru 2014 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari.

Rat l-atti tal-kawza.

## II. **Ir-Rizoluzzjoni**

Il-procediment tal-lum jirrigwarda Rizoluzzjoni li l-azzjonisti kollha ta` Panor Company Limited adottaw waqt laqgha generali straordinarja tal-kumpannija li saret fil-11 ta` Marzu 2011. Ghall-fini tas-sentenza tal-lum, mhuwiex daqstant rilevanti l-isfond ta` x`wassal biex tittiehed din ir-Rizoluzzjoni. Li pero` huwa rilevanti ghad-decizjoni tal-lum huwa jekk dik tal-11 ta` Marzu 2011 (Dok B) kenitx Rizoluzzjoni Straordinarja, ghax ittiehdet mil-laqgha generali tal-azzjonisti li ssejhet b`mod straordinarju, regolata mill-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta ; jew jekk kenitx fil-fatt kuntratt vinkolanti bejn l-azzjonisti.

Ir-Rizoluzzjoni hija komposta minn 19-il Artikoli. U tibda bil-kliem li *the "Shareholders" of Panor Limited ...* ***hereby bind themselves, covenant and agree*** *as follows ...* (sottolinear u enfasi tal-qorti)

L-Artikolu 19 jaqra hekk :-

*This agreement shall be governed by Maltese Law.*

*Any dispute, controversy or claim arising out of or relating to this* ***contract****, or the breach, termination or invalidity thereof, shall be settled through mediation in accordance with the rules of the Malta Mediation Centre as in force*

*at the date on which such dispute, controversy or claims arises. Should the dispute remain unresolved for a period of six (6) months from the commencement of the mediation, the parties will be at liberty to institute arbitration or court proceedings in Malta according to law* ... (sottolinear u enfasi tal-qorti).

Huwa abbazi ta` l-Art 19 illi l-intimati qeghdin iressqu l-ewwel eccezzjoni preliminari taghhom.

## III. **Konsiderazzjonijiet**

Fil-kaz ta` kumpannija privata, bhal ma hija Panor Company Limited, dak li jikkostitwixxi **rizoluzzjoni straordinarja** huwa regolat bl-**Art 135(1)(a) u (3) tal-Kap 386** u cioe` :-

1) *meta tkun ittiehdet f`laqgha generali li taghha jkun inghata avviz kif imiss li juri l-hsieb li ser tigi proposta r-rizoluzzjoni bħala rizoluzzjoni straordinarja u jkun inghata kif imiss il-ghan principali taghha.*

2) *meta tkun għaddiet min-numru ta` membri li jkollhom il-jedd li jattendu u jivvotaw f`dik il-laqgha li jkollhom flimkien mhux inqas minn wiehed u hamsin fil-mija tal-valur nominali tal-azzjonijiet li jaghtu dak il-jedd jew dak il-persentagg akbar li l-memorandum jew l-istatut jista` jippreskrivi.*

Ghalkemm il-partijiet ma pprezentawx bhala prova kopja tal-*memorandum* u tal-*articles of association* tal-kumpannija de qua, jidher illi dak li kien deciz mill-azzjonisti fil-11 ta` Marzu 2011 jinkwadra ruhu fil-parametri ta` l-Art 135 tal-Kap 386.

Pero` b`daqshekk mhijiex rizolta l-kwistjoni li giet sollevata bl-ewwel eccezzjoni preliminari.

Infatti **<u>in linea generali</u>**, jekk ikunu osservati l-klawsoli *ad hoc* tal-*memorandum* u tal-*articles of association* tal-kumpannija de qua, jew fin-nuqqas, ikunu osservati d-disposizzjonijiet tal-Kap 386, rizoluzzjoni straordinarja tista` tinbidel b`rizoluzzjoni ohra skond in-natura taghha.

**Hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti li, tenut kont ta` dak li kien patwit bir-rizoluzzjoni de qua, l-ebda maggoranza <u>kwalifikata</u> ndikata skond il-*memorandum* u l-*articles of association* tal-kumpannija de qua, jew fin-nuqqas, fid-disposizzjonijiet tal-Kap 386, ma tista` tibdel dak li kien miftiehem fil-11 ta` Marzu 2011, ghaliex fil-verita` dik tal-11 ta` Marzu 2011, ghalkemm inghatat il-qafas ta` rizoluzzjoni skont il-ligi tal-kumpanniji, fir-realta` kienet kuntratt, kif johrog bl-aktar mod car u inekwivoku fl-Art 19, u allura d-diversi pattijiet miftiehma bejn l-azzjonisti <u>kollha</u> jistghu jinbidlu <u>biss</u> bl-adezjoni tal-azzjonisti <u>kollha</u>. B`zieda ma` dan, ghal din il-Qorti, huwa evidenti kemm mill-forma kif ukoll mis-sostanza li d-diversi artikoli tar-rizoluzzjoni, meta ntegrati fi progett wiehed, kienu realment intizi biex joholqu vinkolu patwit bejn l-azzjonisti <u>kollha li jorbothom ilkoll minghajr eskluzjoni</u>.**

Dan premess, il-Qorti tirrileva illi fis-sentenza taghha tal-5 ta` Ottubru 1998 fil-kawza "**<u>Gloria Beacom et vs l-AIC Anthony Spiteri Staines</u>**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk :–

*"Il-principju kardinali li jirregola l-istitut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif*

*espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda".*

(ara wkoll : **PA/RCP** : "Grace Spiteri vs Carmel sive Lino Camilleri et" : 30 ta` Mejju 2002).

Dan il-principju ewlieni jwassal ghal principju iehor daqstant vitali illi l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti in *bona fede* u li jobbligaw mhux biss dak li jinghad fihom izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha tali obbligazzjoni (ara Appell Civili : "**Joseph Francis Depares noe vs John O'Dea noe**" : 25 ta` Gunju 1996)

Fin-noti tieghu dwar id-Dritt Civili (1978 – Pg 287), il-Prof V. Caruana Galizia jghid :–

*"Contracts entered into according to law have the force of law with respect to the parties. They bind the parties reciprocally in the same way as the law binds all citizens. This principle is based on the theory of the autonomy of the will, which on its own creates rights and obligations … (omissis).*

*Contract is therefore law for the parties, and just as a law may derogate another law, so may a contract, which may be considered as private law, derogate ordinary law : 'dispositio hominis tollit dispositionem legis'. The contracting parties may by their agreement, i.e. by the contractual rule established by them, derogate the legal rule, both by substituting another rule or by not substituting anything ; and they may do so as long as the prohitibition of the law, or public policy or morality is not an obstacle."*

**Hija l-fehma konsiderata tal-Qorti li ghalkemm l-azzjonisti kollha ghazlu li jinkorporaw il-ftehim tal-11 ta` Marzu 2011 fil-forma ta`**

**rizoluzzjoni straordinarja tal-kumpannija, id-diversi artikoli - mhux eskluz l-Art 19 – kienu jorbtuhom ilkoll - minghajr eskluzjoni. L-effett tal-pattijiet bejn l-azzjonisti kollha kien jinkludi direzzjoni ghall-hidma futura tal-kumpannija fil-prospettiva li finalment tigi xjolta u stralcjata. Il-Qorti tkompli tinsisti li bil-mod kif l-azzjonisti kollha ghamlu l-ftehim ta` l-11 ta` Marzu 2011 huma fis-sostanza dderogaw mir-regoli li setghu fasslu huma stess fil-*memorandum* u l-*articles of association* tal-kumpannija dwar tehid ta` rizoluzzjonijiet straordinarji, jew fin-nuqqas, ma` dak stabbilit fl-Art 135 tal-Kap 386.**

Issa **specifikament** dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari, il-Qorti tirrileva li l-Qrati taghna accettaw il-validita` ta` klawsoli bhall-Art 19 in kwistjoni meta kienu certi li l-ghazla tal-mod kif kellha tkun determinata kwistjoni bejn il-partijiet kienet tabilhaqq tirrifletti r-rieda taghhom skont il-ftehim ta` bejniethom (Appell Civili – **"Foster vs Gatt"** – 27 ta` Gunju 1924 – Vol.XXX.I.1071 ; u qabel din, is-sentenza riportata fil-**Kollezz. Vol. XXIV.I.1067** ; ara wkoll - Appell Kummercjali : "**Vella vs Mamo noe**" : 13 ta` Ottubru 1994 ; u PA/FS : "**Grech vs Cutajar et**" : 1 ta` Dicembru 2008).

Dan premess tibqa` valida l-linja ta` principju, anke din traccjata mill-Qrati taghna, li "*qualunque clausola di derogazione della giurisdizione dei tribunali locali e` di stretta interpretazione, per cui in caso di dubbio se fosse intesa o meno tra le parti si deve decidere per la negativa.*" (ara – Appell Civili – "**Pisani vs Consiglio noe"** – 15 ta` Gunju 1931 ; u Appell Civili **– "Bellizzi noe vs Debono noe"** – 25 ta` Gunju 1937).

Kif hareg ben car waqt it-trattazzjoni finali tal-ewwel eccezzjoni, qabel il-kawza thalliet ghas-sentenza, il-posizzjoni tar-rikorrenti mhijiex li l-Art 19 mhux parti mir-Rizoluzzjoni. Lanqas ma jikkontestaw illi fid-data tal-presentata tar-rikors promotur ma kien hemm l-ebda procediment bejn il-partijiet dwar ir-Rizoluzzjoni quddiem ic-Centru tal-Medjazzjoni ghal Malta. L-argument kollu tar-rikorrenti huwa fondat fuq il-fatt illi skond huma kellhom kull dritt jintavolaw il-procediment abbazi tal-Art 402 tal-Kap 386, indipendentement

minn dak li jghid l-Art 19 tar-Rizoluzzjoni. Min-naha taghhom, l-intimati jsostnu li r-rikorrenti kienu obbligati joqghodu mal-Art 19 qabel jintraprendu azzjoni gudizzjarja anke skond l-Art 402 tal-Kap 386.

**Rinfaccjata bl-ewwel eccezzjoni, din il-Qorti tghid illi certament f`dan l-istadju, u cioe` fid-determinazzjoni tal-fondatezza o meno tal-eccezzjoni de qua, mhuwiex kompitu taghha li tinvestiga l-parametri tal-azzjoni skond l-Art 402 tal-Kap 386, ghaliex jekk taghmel hekk, tkun qeghda tiskonfina, ftit jew wisq, fil-mertu tal-kwistjoni sollevata mir-rikorrenti bl-istanza taghhom. Il-Qorti ssostni li dan m`ghandhiex taghmlu ghaliex dak li qieghed jigi sollevat bl-ewwel eccezzjoni mhuwiex relatat mal-azzjoni *ut sic* skond l-Art 402 tal-Kap 386 izda jiskaturixxi, xejn aktar u xejn inqas, minn dak li jghid l-Art 19 fuq riferit. Fil-fehma tal-Qorti dak li huwa rilevanti fl-istadju tal-lum huwa jekk l-Art 19 ighoddx u jekk ghandux jitwettaq.**

Din il-Qorti tghid li l-Art 19 fl-interezza tieghu ghandu jsib applikazzjoni fil-kaz tal-lum. M`ghandhiex l-icken dubju li mqar mad-daqqa t`ghajn tar-rikors promotur, bejn il-partijiet hemm kwistjoni (*dispute, controversy or claim*) fil-parametri tal-Art 19, li r-rikorrenti dehrilhom li kellhom igibu quddiem il-qrati ordinarji - ighid x`jghid l-Art 19. Waqt it-trattazzjoni finali tal-ewwel eccezzjoni, il-Qorti trid tghid illi r-rikorrenti ma fissrux dak li fil-fehma taghhom ifisser l-Art 19. Lanqas ma taw raguni ghaliex ma segwewx dak li jghid l-Art 19 qabel mexxew bil-procediment tal-lum. Illimitaw ruhhom biex jirrilevaw illi jghid x`ighid l-Art 19, xejn ma kien jimpedihom milli jintavolaw l-azzjoni skond l-Art 402 tal-Kap 386.

**Il-Qorti tirribadixxi li hija ghandha tapplika <u>bis-shih</u> dak li jghid l-Art 19, in partikolari t-tieni paragrafu. Dan ifisser illi ladarba r-rikorrenti ghazlu li jipprocedu xort`ohra, mhux skond l-Art 19, kif fil-fehma taghha, kellhom jaghmlu, huma se jkollhom iwiegbu konformement.**

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda qeghda taqta` u tiddeciedi billi filwaqt illi qeghda tilqa` l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimati, qeghda konsegwentement tillibera lill-intimati mill-osservanza tal-gudizzju. L-ispejjez kollha jibqghu a kariku tar-rikorrenti.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------